# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 18 ta' Jannar 2022**

**Talba numru 26/2021SFJ**

**ALEXIA VELLA**
**(96097M)**

**VS.**

**ANDY ABELA**
**(147898M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

> "*Waqt li konna qed noħorġu flimkien, matul il-perjodu ta' bejn Novembru 2019 u Settembru 2020, Andy spiss talabni nisilfu somom żgħar ta' flus fejn hu wegħedni li kien ser jagħtihomli. F'Settembru 2020 ħassarna r-relazzjoni tagħna. Għall-bidu qalli li ser jagħtini l-flus li kont sliftu, iżda issa qiegħed jirrifjuta li jagħtihomli lura. Jien ippruvajt nitkellem miegħu bil-kelma t-tajba sabiex nilħqu kompromess u jagħtini lura dak li sliftu imma ma jridx jaf. Jien għandi screenshots fejn hu jgħid li ser jagħtini lura dak li sliftu qabel iddeċieda li mhux ser jagħtihomli lura.*"

Ra li l-konvenut Andy Abela ġie nnotifikat fit-28 ta' Mejju 2021 (ara fol. 13).

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fil-1 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha, huwa ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

> "*1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti hija prekluża milli tressaq kwalunkwe xhieda in sostenn tat-talba tagħha u dan perress li naqset li tindika l-ismijiet tax-xhieda li hija tixtieq tinġunġi f'din il-kawża.*
>
> *2. Illi għalkemm din il-proċedura, ċioe dik quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, hija inqas formali, in-nuqqas li r-rikorrenti tindika x-xhieda tagħha huwa nuqqas konsiderevoli u dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux jiddipartixxi minn regola kardinali tal-proċedura ċivili.*
>
> *3. Illi fit-tieni lok, it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fil-konfront tal-intimat għandha tiġi respinta fit-totalità tagħha bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent u dan stante li din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress li assolutament mhux minnu li l-intimat qatt issellef flus mingħand ir-rikorrenti, kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimat umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirrespinġi t-talba tar-rikorrent u dan salv kwalsiasi provvediment ieħor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.*"

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' ix-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet relattivi u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Jannar 2022.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

### <u>*A. L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut*</u>

Permezz tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, il-konvenut jgħid li l-attriċi ma kellhiex titħalla tressaq xhieda billi hija naqset li telenka x-xhieda tagħha fl-ispazju appożitu fil-formola tal-Avviż tat-Talba.

Fil-fehma tat-Tribunal, huwa evidenti li s-sustanza tal-Avviż tat-Talba ġie redatt mill-attriċi nnifisha, u mhux minn avukat jew prokuratur legali kif normalment isir. L-istil tal-kitba u t-terminoloġija jagħmluha ovvja li dik mhijiex kitba ta' avukat. B'daqshekk ma sar xejn ħażin. Il-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta u l-leġislazzjoni sussidjarja relattiva huma ċari fis-sens li parti f'kawża quddiem dan it-Tribunal tista' tkun assistita minn kull persuna. Barra minn hekk, il-fatt li l-formoli kollha stabbiliti skont il-L.S. 380.01 għandhom noti mal-ġnub li jispjegaw il-funzjonijiet kollha u l-andament tal-kawża jfisser li dawn il-formoli kienu ddisinjati bil-ħsieb li l-involviment tal-avukati u l-prokuraturi legali jkun imnaqqas.

Huwa fatt magħruf li l-proċeduri quddiem dan it-Tribunal huma animati minn sens ta' inqas rigorożità. L-Artikoli 7(1), 9(3) u 14 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta huma xhieda ta' dan.

Il-formola tal-Avviż tat-Talba, liema formola tistabbilixxiha l-liġi stess (l-Ewwel Skeda tal-L.S. 380.01), ma tindikax, fin-noti mal-ġenb, li jekk wieħed ma jimliex il-kaxxa intestata "*ELENKA X-XHIEDA TIEGĦEK F'DIN*

*IL-PARTI*", allura ma jistax iressaq xhieda. Ladarba l-formoli fihom noti daqshekk dettaljati tant li jispjegaw wieħed x'għandu jniżżel f'kull kaxxa, kieku l-leġislatur ried li min ma jniżżilx l-ismijiet tax-xhieda ma jkunx jista' iħarrek xhieda, kien jgħid dan ċar fin-noti.

Dwar ix-xhieda, ir-Regolament 11 tal-L.S. 380.01 jgħid li parti tista' ġġib bi prova tal-każ tagħha sew xhieda *viva voce* kif ukoll xhieda dokumentarji jew iż-żewġ tipi ta' xhieda flimkien. Il-L.S. 380.01 huwa miktub bi stil li donnu qiegħed jagħti struzzjonijiet lil min ma jafx, jew mhuwiex midħla tar-regoli proċedurali. Għalhekk, kemm hawn kif ukoll fin-noti fil-ġnub tal-formoli, ladarba mhuwiex espressament iddikjarat li n-nuqqas ta' parti li tindika l-ismijiet tax-xhieda fil-kaxxa relattiva jipprivaha mill-opportunità li tressaq ix-xhieda, it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-attriċi ma setgħetx tressaq xhieda in sostenn tal-pożizzjoni tagħha.

Fi kwalunkwe każ, it-Tribunal josserva li fil-kawża ***George Farrugia et vs. Carmelo Farrugia et*** (sentenza parzjali jew digriet tal-25 ta' Ġunju 1963), il-Prim' Awla qalet li l-Qorti għandha l-fakultà li tippermetti l-produzzjoni ta' xhud mhux iddikjarat meta jidhrilha li dan jista' ikun utli għall-finijiet tal-kawża. Fil-każ in diżamina, l-attriċi xehdet hija stess u ppreżentat xi kalkoli tagħha stess. Huwa ovvju li x-xhieda tal-attriċi u d-dokumenti ppreżentati minnha huma bżonnjużi sabiex hija tipprova l-każ tagħha stess.

Għalhekk, it-Tribunal jiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut.

## ***B. Il-mertu***

Fil-mertu, l-attriċi tgħid li kienet f'relazzjoni mal-konvenut bejn Novembru 2019 u Settembru 2020. Matul ir-relazzjoni, il-konvenut sikwit talabha tisilfu xi somom li b'kollox jammontaw għal elfejn u disa' mitt Ewro (€2,900). Qalet li kellha *screenshots* ta' drabi fejn huwa wiegħed li ser iħallasha iżda mbagħad, qatt ma ħallas.

L-attriċi xehdet fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2021. Hija qalet li kellha tieħu elfejn u tmien mija u tmenin Ewro (€2,880) mingħand il-konvenut. Dan l-ammont kien jirrappreżenta ammonti li l-attriċi ħallset għall-konvenut matul ir-relazzjoni tagħhom (bejn l-2015 u l-2020). Vella xehdet li matul il-ħames snin li damu f'relazzjoni, hi dejjem kellha mpjieg iżda l-konvenut mhux dejjem kellu. Qalet li f'ħames snin kellu ħames impjiegi differenti. Hija spjegat li l-konteġġi tagħha kienu fid-dokument AV1 filwaqt li *screenshots* ta' *chats* immarkati dokument AV2 kienu jikkonfermaw li hu kien jammetti li kellu jagħtiha l-ammonti relattivi. Għal skopijiet ta' ċarezza, fuq domanda tat-Tribunal, l-attriċi spjegat li jekk pereżempju huma bħala koppja ħarġu jieklu f'restorant, hija kienet tħallas sehemha mill-kont kif ukoll sehem il-konvenut. Kien proprju sehem il-konvenut li hija kienet qed titlob li titħallas. Dan il-metodu ta' konteġġi kien japplika għal dak kollu indikat fid-dokument AV1.

It-Tribunal għadd l-ammonti misjuba fid-dokument AV1 u wasal għas-somma ta' **elfejn u tmien mija u tlieta u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€2,883.15)**.

Inoltre, it-Tribunal qara ċ-*chats* li jinsabu f'dokument AV2 u huwa sodisfatt li fihom, il-konvenut ammetta li kien debitur tal-attriċi. Ma jirriżultax li l-konvenut wera nuqqas ta' qbil mal-konteġġi tal-attriċi.

Il-konvenut ma ppreżentax provi. It-Tribunal osserva li la l-konvenut u lanqas id-difensur tiegħu ma dehru fl-udjenzi tat-18 ta' Ġunju 2021, tas-6 ta' Lulju 2021, tal-15 ta' Ottubru 2021 u tas-6 ta' Diċembru 2021. Oltre li ma dehrux, lanqas ippreżentaw provi fil-forma ta' dokumentazzjoni.

Għalhekk jirriżulta li l-provi mressqa mill-attriċi, minbarra li huma konvinċenti, ma ġew kontradetti b'ebda mod mill-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attriċi limitatament għal **elfejn u tmien mija u tlieta u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€2,883.15)** u jordna lill-konvenut sabiex iħallas din is-somma lill-attriċi.

Billi ma ntalabx imgħax, it-Tribunal huwa prekluż milli jordna l-ħlas tal-imgħax.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**